Laqgħa tal-Kunsill Lokali Għajnsielem

---

MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL
L-GHAXAR KUNSILL
SEDUTA NRU. 15 – Il-Ħamis 21 ta' Awwissu 2025 fis-13:00 ta' wara nofsinhar.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċju tal-Kunsill Lokali – Il-Ħamis 21 ta' Awwissu 2025 fis-13:00 ta' wara nofsinhar.

Preżenti :

| | |
|---|---|
| Kevin Cauchi | Sindku |
| Joseph Debono | Viċi Sindku |
| Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| Stephen Mercieca | Kunsillier |
| Teddy Saliba | Kunsillier |
| Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**15.1 Talba**

15.1.1 Il-laqgħa bdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku

**15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

15.2.1 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati

**15.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

15.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**15.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

15.4.1 Ma kienx hemm kommunikazzjoni mis-Sindku.

**15.5 Festa 2025 – Preparamenti u Tindif**

15.5.1 Is-Sindku rrefera għall-fatt li l-preparamenti tal-festa issa jinsabu avvanzati u ser nibdew nilqgħu fostna l-gruppi minn Tolfa fosthom dawk tal-Olimpiadi. Il-ħaddiema

għaddejjin ġmielhom bil-preparamenti u tindif u wkoll qed naraw li l-permessi tal-għeluq tat-toroq ikun immanigjati bl-aħjar mod possibli. Rigward tbattil ta' bins ilħaqna agreement mad-Dipartiment tal-Indafa Pubblika biex ibattlu l-bins tal-pjazza regolarment.

15.5.2 Rigward l-istima tat-tindif u tbattil ta' bins fi Triq J F de Chambray, u tindif u ħasil tat-toroq fejn jgħaddi l-marċ, tlabna stimi iżda l-unika stimi miġbura kienet mingħand Sultech: - Labour Cost - €2940 ex VAT u tipping fees aspejjes tal-Kunsill. Għall-ħasil tat-toroq ser ikunu għall-prezz ta' €200 kull ħasla.

15.5.3 Il-Kunsill qabel ma' din l-istima u li għandu jipproċedi dwarha.

## 15.6 Żjara f'Loreto – Approvazzjoni tal-Istimi tal-Flights

15.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif inħarget Request for Quotation għall-flights ta' madwar 100 persuna lejn u minn Ruma bejn it-23 u 27 t'Ottubru, u kellna dawn l-istimi:-

- Planit Travel Ltd għall-prezz ta' €485 kull persuna
- Tristar Travel Ltd għall-prezz ta' €495 kull persuna u
- Sisu Tours għall-prezz ta' €150.56 kull persuna.

15.6.2 Il-Kunsill qabel għalhekk li għandu japprova l-istima tas-Sisu Tours għall-prezz ta' €150.56 kull persuna u naħsbu biex nħabbru din iż-żjara kulturali fuq l-avviżi tal-bullettin u social media.

## 15.7 Approvazzjoni tal-Pagamenti

Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat kif minħabba overload ta' xogħol tal-festa, l-iskeda tal-pagamenti għada ma ġietx magħluqa għall-approvazzjoni.

## 15.8 Tmiem tal-laqgħa

15.8.2 Il-laqgħa ntemmet fl-2:00pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 10 ta' Settembru 2025 fis-14:00pm.

| | |
|---|---|
| ***Kevin Cauchi*** | ***Lucienne Haber*** |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Eżekuttiv*** |